

Brussell, 29 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12628/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0234(NLE)

TRANS 589
MAR 167

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|------------------|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 11817/22 |
| Nru dok. Cion: | 11800/22 |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Ewropew għat-tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna u fil-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni tar-Renu fir-rigward tal-adozzjoni ta' standards dwar il-bastimenti tan-navigazzjoni interna u s-servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar – Adozzjoni |

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Ewropew għat-Tfassil ta' Standards fin-Navigazzjoni Interna (CESNI) tat-13 ta' Ottubru 2022 u waqt il-laqgħa tas-sessjoni plenarja tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) tat-8 ta' Diċembru 2022 b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-Istandards Ewropej li jstabbilixxu Rekwiżiti Tekniċi għall-Bastimenti tan-Navigazzjoni Interna (ES-TRIN 2023/1) u l-Istandard Ewropew tas-Servizzi tal-Infommazzjoni tax-Xmajjar (ES-RIS 2023/1).

3. Dawk l-istandards jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi vinkolanti adottati fil-qafas tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
4. Is-CCNR hija organizzazzjoni internazzjonali b'kompetenzi regolatorji għal kwistjonijiet ta' trasport b'navigazzjoni interna fuq ir-Renu. Erba' Stati Membri tal-UE (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u n-Netherlands) u l-Iżvizzera huma partijiet għas-CCNR. L-Unjoni ma hijiex parti għas-CCNR.
5. Is-CESNI nħoloq fit-3 ta' Ġunju 2015 fil-qafas tas-CCNR sabiex jiżviluppa standards tekniċi għall-passaġġi fuq l-ilma interni f'diversi oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-bastimenti, it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-ekwipaġġ.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

6. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fil-laqgħat tiegħu tal-5 u t-12 ta' Settembru 2022.
7. Wara l-qbil milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.

III. KONKLUŻJONIJIET

8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jeżamina u japprova l-abbozz ta' deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument ST 12317/22, imħejji mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
9. Il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE.

¹ Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

² Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 152).